Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtù, Rabat, Malta
E | reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **47**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| L-Imdina: | Il-Kunsilliera s-Sa Maryanne Sultana |
| Ħaż-Żebbuġ: | Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Agius |
| Ħad-Dingli: | Il-Viċi Sindku s-Sur Miguel Abela |
| L-Imqabba: | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi: | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |

**Segretarju Eżekuttiv:** Tania Farrugia

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fis-17:45 ta' filgħaxija.

**47.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittra t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is- Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg, is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit u s-Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżżlu skużati.

**47.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 46;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 46 li saret nhar it-18 ta' Frar 2025.

Sekondant: is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.03 Komunikazzjoni mill-President;**

**47.03.01** Nhar il-21.02.25 irċevejna t-tieni parti tal-iskemi mħabbra mid-DLG nhar is-27.01.25 fejn ġew identifkati d-dati tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026, SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali u SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità.

**47.03.02** Nhar il-21.02.25 is-Sindku ta' Ħal Kirkop infurmana li wara li kkunsidraw kollox, m'humiex ser japplikaw għall-iskema tal-Automated Toilets.

**47.03.03** Nhar il-21.02.25 ittellgħet l-ewwel produzzjoni teatrali bħala parti mill-proġett Arts For Social Change fis-Sala tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

**47.03.04** Nhar il-21.02.25 irċevejna Ċir. AKL 2025 - 016 - Collective Agreement for Clerical Employees. Din il-laqgħa saret nhar it-28.02.25 u attendew għaliha TF, AV, DB.

**47.03.05** Nhar il-21.02.25 ġiet organizzata laqgħa bla ħlas mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-naħla Maltija minn sensiela fil-komunità tar-Reġjun Punent ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

**47.03.06** Nhar it-23.02.25 irċevejna mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-naħla Maltija li ser ikunu qed jorganizzaw it-tieni laqgħa bla ħlas minn sensiela fil-komunità tar-Reġjun Punent.

**47.03.07** Nhar l-24.02.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej attendiet għal-laqgħa mtellgħa mill-Kunsill Malti għall-Arti dwar l-iskema għall-Wirt Artistiku. B'din l-iskema infurmajna lill-Għaqdiet ikkonċernati tar-Reġjun.

**47.03.08** Nhar is-26.02.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lill-NGOs ftit punti fuq il-laqgħa li saret mill-Kunsill Malti għall-Arti dwar l-iskema għall-Wirt Artistiku.

**47.03.09** Nhar is-26.02.25 l-Uffiċjal Eżekuttiv staqsa min hu uffiċjalment awtorizzat li jwettaq verifiki tas-saħħa u s-sigurtà ta' spazji pubbliċi li jinkludu gym fuq barra. Staqsa wkoll jekk hemmx xi lista uffiċjali ta' awdituri approvati.

**47.03.10** Nhar is-26.02.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/018 - Inizjattiva You Matter, li b'nies professjonisti u esperti fil-qasam, tkun tista' tagħti assistenza lil ħaddiema jew membri eletti li jħossu li jixtiequ jew li għandhom bżonn it-terapija minħabba xi sitwazzjonijiet personali jew familjari li jkunu għaddejjin minnhom.

**47.03.11** Nhar it-28.02.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/019 - Open call for candidates, Network of elected officials - CL-YE | Appel à candidatures, Réseau d'élus - CL-YE. Dan hu proġett li jindirizza l-bżonnijiet li jistgħu jaffaċċjaw iż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tfassil ta' politika fuq livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej.

**47.03.12** Nhar it-28.02.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lill-NGOs fuq Informazzjoni - Training Initiative Support Scheme (MCVS). Din l-iskema li permezz tagħha, membri voluntieri fl-għaqdiet tagħhom jistgħu jistħarrġu biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom kemm dawk personali kif ukoll ħiliet utli li jgħinuhom fix-xogħol volontarju li jagħmlu.

**47.01.13** Nhar it-28.02.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lill-kunsilliera informazzjoni - Opportunità ta' job shadowing ta' Membru Parlamentari Ewropew maħruġa mill-MCVS.

**47.01.14** Nhar it-28.02.25 irċevejna mingħand Esplora Malta dwar National STEM Community Fund 2025 li se jiftaħ f'April. Dan il-fond jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet lokali biex imexxu proġetti bbażati fil-komunità u li huma relatati mal-iSTEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika).

**47.01.15** Nhar l-01.03.25 fir-Reġjun tal-Punent ġie organizzat turnament tal-futbol ġewwa Siġġiewi Football Ground b'kollaborazzjoni ma' Kunsill Lokali Siġġiewi u Siġġiewi Youth Nursery FC.

**47.01.16** Nhar l-04.03.25 il-Manager tal-Iskart u SE attendew għas-seminar imtella' mill-ERA fuq l-iskart.

**47.01.17** Nhar l-04.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/020 - Last Mile Transportation Launch. L-Assoċjazzjoni ħadmet u lestiet l-ewwel sett ta' studji u rakkomandazzjonijiet li

jolqtu l-mobbiltà sostenibbli. Ser jiġi mniedi l-aħħar dokument f'din is-sensiela, bl-isem ta' Last Mile Trasportation u fl-istess attività ser jiġi varat ukoll is-sett kollu tal-mobbiltà sostenibbli, li jinkludi: Electric Vehicles, Walkability, Shared Transport, Parking Management u Last Mile Transportation.

**47.01.18** Nhar il-05.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/021 - Fire Warden Training 2025. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas l-ispiża totali ta' persuna waħda minn kull Kunsill Reġjonali/Lokali. Dan it-taħriġ sar minn TF, AC u CF.

**47.01.19** Nhar il-05.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/022 - ECAD Membership 2025.

**47.01.20** Nhar is-06.03.25 irċevejna mill-Malta Bankers Association li ser ikunu qed jorganizzaw avveniment għall-pubbliku nhar il-21.03.25 bl-isem - Ħu Ħsieb Flusek.

**47.01.21** Nhar is-06.03.25 il-Manager tal-Ambjent kellu laqgħa mal-Light Pollution Awareness Group - The Astronomical Society of Malta.

**47.01.22** Nhar is-06.03.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lill-NGOs informazzjoni fuq sezzjonijiet ta' taħriġ fil-PR u Communications.

**47.01.23** Nhar is-06.03.25 irċevejna mil-Light Pollution Awareness Group wara komunikat mal-Manager tal-Ambjent. Huma bagħtulna xi riżorsi li jipprovdu aktar għarfien fuq l-aħjar prattiċi għad-dawl ta' barra.

**47.01.24** Nhar is-06.03.25 irċevejna mingħand Strategic Events Planning and Coordination. Din is-sena l-Jum Ewropej tal-Artiġjanat Artistiku se jsir bejn il-31 ta' Marzu u s-6 ta' April 2025 bit-tema IL-ĦAJN DEHEB, li tenfasizza fl-importanza tal-persuni mħarrġa fis-snajja' f'salib it-toroq tal-għarfien, il-wirt, ix-xjenza, l-edukazzjoni, l-ekonomija, it-turiżmu u l-arti - li jagħmluhom atturi ewlenin fis-soċjetà tagħna.

**47.01.25** Nhar is-07.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/023 - Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attività tal-Earth Hour 2025 li saret nhar is-Sibt 22 ta' Marzu 2025.

**47.01.26** Nhar is-07.03.25 ġiet organizzata laqgħa bla ħlas, mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija minn sensiela fil-komunità tar-Reġjun Punent ġewwa Ħal Safi.

**47.01.27** Nhar l-10.03.25 irċevejna Invit: Seminar dwar l-Iżvilupp Kulturali Reġjonali 4 ta' Ġunju 2025. Dan is-seminar se jservi bħala pjattaforma ewlenija għas-sitt Kunsilli Reġjonali u l-membri tagħhom biex jidħlu f'diskussjonijiet dwar l-iżvilupp kulturali fil-kompetenzi rispettivi tagħhom.

**47.01.30** Nhar l-10.03.25 irċevejna PQ 26386 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Persuni b'diżabilità – Impjegati.

L-ONOR Graziella Galea staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni b'diżabilità impjegati ma' xi entità/dipartiment/awtorità eċċ. li jaqgħu taħtu? Jekk iva, ma' liema entità/dipartiment/awtorità u kemm hu n-numru ta' persuni għal kull

entità/dipartiment/awtorità u x'tip ta' xogħol twettaq kull persuna? F'kull każ, jista' jgħid ukoll kemm ilha impjegata din il-persuna?

Ir-Reġjun Punent ma għandu ebda Persuna b'diżabilità impjegata miegħu.

**47.01.31** Nhar l-10.03.25 irċevejna mingħand id-DLG SPI - SCI-08-2025 - Espressjoni ta' Interess – Tagħna Tfal - Skema għal Ulied il-Kunsilliera waqt Laqgħat Statutorji tal-Kunsill.

**47.01.32** Nhar il-11.03.25 ġiet organizzata laqgħa mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-naħla Maltija bla ħlas minn sensiela ta' laqgħat fil-komunità tar-Reġjun Punent ġewwa Ħal Kirkop.

**47.01.33** Nhar it-13.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/024 - Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità. Dawk il-Kunsilli Lokali interessati li japplikaw għal din is-sistema għandhom jirreġistraw.

**47.01.34** Nhar it-13.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2024/025 - Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet. Persentaġġ minn dawn il-flejjes ser jingħata lill-Kunsill Lokali rispettiv u s-sistema tal-ħlas ser tkun ipprovduta mill-ARMS stess. Il-Kunsilli Lokali interessati li japplikaw għal din is-sistema għandhom jirreġistraw.

**47.01.35** Nhar it-13.03.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lill-NGOs fuq żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fil-GDPR għall-għaqdiet Volontarji li ser jiġu mtellgħa mill-MCVS.

**47.01.36** Nhar l-14.03.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/026 - Integration Strategy and Action Plan (2025-2030). L-Assoċjazzjoni flimkien mad-direttorat tad-drittijiet tal-bniedem stednuna għal-laqgħa sabiex ikun hemm spjega u tiġi diskussa l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għall-integrazzjoni soċjali.

**47.01.37** Nhar l-14.03.2025 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lil NGOs fuq skema ta' għajnuna finanzjarja għall-parroċċi għall-organizzazzjoni ta' festi esterni 2025 maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Arti.

**47.01.38** Nhar l-14.03.2025 irċevejna mill-Wasteserv Malta li ser ikun hemm Characterization of Door to Door Recyclable Bag Collection nhar is-27.03.2025.

**47.01.39** Nhar il-15.03.25 sar il-First Aid Course ġewwa s-sala tal-iscouts ta' Ħad-Dingli fejn attendew 33 parteċipant.

**47.01.40** Nhar is-17.03.25 irċevejna PQ 26525 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Infiq fuq reklamar.

L-ONOR. Bernice Bonello staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus f'reklami fil-Ministeru tiegħu u fl-entitajiet li jaqgħu taħtu fl-2024? Jista' jgħid ukoll kemm hemm ippjanat li jintefqu flus f'reklami fl-2025, maqsuma entità b'entità

Ir-Reġjun Punent wieġeb illi ntefqu Eur715.13 fis-sena 2024 u għas-sena 2025 hemm pjanat li nonfqu madwar Eur1,000.

**47.01.41** Nhar is-17.03.25 irċevejna mill-JMI għal European Emerging Bands Contest.

**47.01.42** Nhar it-18.03.25 irċevejna SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Annwali 2025 / 2026 fejn ġew irreveduti d-dati tal-għeluq tal-applikazzjoni.

**47.01.43** Nhar l-20.03.25 irċevejna mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-naħla Maltija li b'kollaborazzjoni mal-HSBC, organizzat avveniment bl-isem Pollinatives for school gardens. L-għan ta' din l-inizjattiva kien li tħawwel flora li mhux biss hija indiġena iżda wkoll ta' stokk lokali, filwaqt li tiżgura li ma sseħħ l-ebda kontaminazzjoni ġenetika minn varjetajiet importati.

**47.01.44** Nhar l-20.03.25 id-Direttur Ġenerali għaddielna komunikazzjoni dwar it-tnedija tal-kompetizzjoni kapitali Ewropea tat-turiżmu intelliġenti 2026. Din hi inizjattiva tal-UE li tirrikonoxxi kisbiet minn bliet Ewropej bħala destinazzjonijiet turistiċi f-erba' kategoriji: Sostenibbilità, l-aċċessibbilità, id-diġitalizzazzjoni kif ukoll il-wirt kulturali u l-kreattività.

**47.01.45** Nhar il-21.03.25 irċevejna mill-JMI International li qed tfittex mużiċisti ta' talent, żgħażagħ u professjonisti ta' bejn it-18 u t-30 sena, għal sessjoni unika ta' orkestra tal-kamra f'Debrecen, l-Ungerija, mit-8 sal-15 ta' Lulju 2025. L-orkestra se tkun immexxija mid-direttur, kompożitur u pjanista ta' fama dinjija Patrick Hahn, wieħed mill-artisti l-aktar promettenti tiegħu.

**47.01.46** Nhar it-22.03.25 sar il-kors tal-Food Handling ġewwa s-sala tal-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ.

**47.01.47** Nhar it-22.03.25 ġie organizzat id-Dylan Zahra Memorial Tournament ġewwa l-grawnd ta' Ħad-Dingli b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli u d-Dingli Swallows FC Youth Nursery. F'din l-attività saret car wash bil-qliegħ kollu jmur għad-Down Syndrome Association.

**47.01.48** Nhar it-22.03.25 ittellgħet it-tieni produzzjoni teatrali bħala parti mill-proġett Arts For Social Change fl-iskola Primarja tas-Siġġiewi.

**47.01.49** Nhar l-24.03.35 is-Sindku ta' Ħad-Dingli u ta' Ħal Kirkop telgħu ġewwa Cartagena fi Spanja sabiex jipparteċipaw fil-proġett HOOP.

**47.01.50** Nhar l-24.03.35 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej attendiet għal sessjoni t' informazzjoni ta' kif tinkiteb applikazzjoni tal-Erasmus u l-proġetti tal-ESC.

**47.01.51** Nhar l-24.03.25 irċevejna mis-Sa Doughty li infurmana dwar il-proġett każin 60+ li beda l-ġimgħa li għaddiet. Għandhom numru ta' 83 parteċipant mifruxin mar-reġjuni kollha u s-sezzjonijiet tar-Reġjun Punent qed isiru ġewwa d-Day Centre taż-Żurrieq.

**47.01.52** Irċevejna invit għal nhar it-02.04.25 fejn ser ikun hemm il-Malta Waste Reduction Awards 2025.

**47.01.53** Nhar l-04.04.35 ser jerġa' jkun hemm sessjoni t'informazzjoni mtellgħa mill-EUPA ta' kif tinkiteb applikazzjoni tal-Erasmus+ and European Solidarity Corps (ESC).

**47.01.54** Nhar it-23.04.2025 se jiġi ċċelebrat Jum il-Ktieb 2025.

**47.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

**47.04.01** Is-Sindku ta' Ħal Safi staqsa rigward xiri ta' mechanical sweepers. Il-President wieġeb li ser niċċekkjaw dwarhom wara li jitlesta l-audit tal-iskart.

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi feedback wara l-laqgħa li saret ma' TM nhar is-17.02.2025. Ġie diskuss jekk għandiex tintbagħat lista lil TM ta' toroq arterjali li jridu jsiru.

Is-Sindku staqsa x'inhi l-opinjoni tal-membri tal-Kunsill rigward il-ġbir tal-karti tal-identità u l-ħlas tal-kontijiet tal-ARMS mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku staqsa wkoll fuq dawk il-libreriji pubbliċi li jinsabu fl-iskejjel Primarji tal-lokal. Wera tħassib dwar aċċess li l-pubbliku inġenerali li qed juża s-servizz tal-librerija jkollu għall-partijiet l-oħra tal-iskola.

**47.05 Tqegħid ta' Dokumenti / Rapporti.**

**47.05.01** Kwotazzjoni RFQ213/2024 – Request For Quotation for the service of Compliance Audit.

**47.05.02** Kwotazzjoni RFQ214/2025 – Request For Quotation for the design of book.

**47.05.03** Kwotazzjoni RFQ214/2025 – Request For Quotation for printing of book.

**47.05.04** Kwotazzjoni RFQ215/2025 – Request For Quotation for the Design/Artwork.

**47.05.05** Travel Report – City – to – City Exchange in Portugal.

**47.06 Approvazzjoni ta' Xiri.**

**47.06.01 Kwotazzjoni RFQ213/2025 – Request for Quotation for the Service of Compliance Audit**

Il-President informa li ntbagħtu 7 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċevejna 3 offerti. Il-President propona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.06.02 Kwotazzjoni RFQ214/2025 – Request for Quotation for the Design of Book.**

Il-President informa li ntbagħtu 3 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċevejna 3 offerti. Il-President propona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.06.03 Kwotazzjoni RFQ215/2025 – Request for Quotation for the Printing of Book.**

Il-President informa li ntbagħtu 3 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċevejna 3 offerti. Il-President propona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Kunsillier tal-Imdina s -Sa Maryanne Sultana.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.06.04 Kwotazzjoni RFQ216/2025 – Request For Quotation for Design/Artwork.**

Il-President informa li ntbagħtu 3 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċevejna 3 offerti. Il-President propona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Joseph Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.35**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 35.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba s-Sa Grace Marie Zerafa.
Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.08 Probation – MDT – Cleaner/Messenger.**

Il-President informa li l-probation period tal- Cleaner/Messenger għalqet fit-2 ta' Marzu 2025 u propona li kemm-il darba ma hemmx oġġezzjoni tinżamm fil-kariga tagħha.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.09 Kuntratt Indefinit – Manager tal-iskart.**

Il-President informa li l-kuntratt tal-Waste Manager se jagħlaq fit-18 ta' April 2025 u propona li kemm-il darba ma hemmx oġġezzjoni jiġi mġedded il-kuntratt.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.10 Ipprintjar tal-kotba bil-lingwa Ingliża.**

Il-President ippropona sabiex jiġu printjati 100/200 kopja tal-ktieb Djar t'Alla, Djar tal-Poplu bil-lingwa Ingliża.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba s-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.11 Bye-Law għal bejgħ ta' oġġetti.**

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun jagħmel bye-law biex ikun jista jbigħ pubblikazzjonijiet maħruġa jew materjal ieħor li ser ikun qed jagħmel. Fuq talba tal-membri ser niċċekkjaw jekk din tistax issir b'mod Reġjonali minflok kull Kunsill Lokali joħrog bye-law għalih.

Sekondant: Il-Kunsillier tal-Imdina s-Sa Maryanne Sultana.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.12 Munita u sett bolol fl-okkażjoni tar-Reġjun Kapitali tal-Kultura 2027.**

Il-President propona sabiex bi tħejjija għar-Reġjun Kapitali tal-Kultura 2027, ir-Reġjun jibda jaħseb biex jippubblika sett bolol u jipproduċi munita b'koordinament mal-Bank-Ċentrali.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.13 Sħubija fil-European Capital of Christmas, European Network of Holyweek u FestivalFinder.eu**

Il-President propona sabiex ir-Reġjun Punent jirreġistra mal-FestivalFinder.eu fejn ikun jista' jirriklama attivitajiet li jkunu għaddejjin fil-lokalitajiet fi ħdanu kemm tal-Ġimgħa Mqaddsa kif ukoll attivitajiet tal-Milied.

**47.13.01 Reġistrazzjoni FestivalFinder.eu**

Sekondant: Il-Viċi Sindku ta' Ħad-Dingli s-Sur Miguel Abela.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.13.02 European Network of Holy Week.**

Il-President qal li ser ikun qed jiċċekkja mal-AKL jekk tissiħibx hi għan-nom tal-Kunsill Lokali anke minħabba l-ammont ta' flus rikjesti biex wieħed jissieħeb.

**47.13.03 European Capital of Christmas.**

Il-President qal li din ser tkun qed terġa' tittella' fil-laqgħa li jmiss wara li tintbagħat l-informazzjoni lill-Kunsilli Lokali mis-SE.

**47.14 Materji Oħra**

**47.14.01 Fire Warden Training.**

Il-President propona sabiex inħallsu l-ispiża tal-Fire Warden Training organizzat mill-AKL li għalih se jattendu TF, AC, CF u DB. Dan ser jammonta għal €120, minħabba li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas ta' persuna waħda biss.

Sekondant: Il-Viċi Sindku ta' Ħad-Dingli s-Sur Miguel Abela.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.14.02 Budget tal-Ambjent.**

Il-Manager tal-Ambjent spjega l-inizjattivi proposti għas-sena 2025.

- Eur50,000 li jittieħdu fuq bażi ta' first come first served li jiftħu minn l-01.05.2025 u li jintużaw għall-inizjattivi ta' Tactical urbanism u slow streets, sa mhux aktar minn massimu ta' Eur10,000 kull Kunsill Lokali.

- Eur5,000 kull Kunsill li jintużaw fuq risk assessment ta' spazji miftuħa bi gwida mir-Reġjun Punent.

- Spjega wkoll li beda l-proċess tat-tender tal-istreet lightning.

Il-President ippropona sabiex dawn ikunu nklużi bħala miżuri fil-budget tas-sena 2025.

Sekondant: Il-Viċi Sindku ta' Dingli s-Sur Miguel Abela.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.14.03 Inizjattiva Saħħa Mentali.**

Il-President propona sabiex nissieħbu fi proġett ma' Crisis Resolution Malta fejn nagħmlu laqgħat t'informazzjoni fil-lokalitajiet sabiex nipprevedu s-suwiċidji fis-soċjetà tagħna. Għal dan il-għan ukoll propona sabiex jiġu printjati fuljetti apposta sabiex jgħinu fit-tixrid tal-informazzjoni. Dawn il-fuljetti ser ikunu mqassma f'diversi Kunsilli Lokali. Is-Sindku ta' Ħal Safi staqsa jekk nistgħux niċċekkjaw mal-Kummissarju tas-Saħħa Mentali dwar servizzi eżistenti f'dan ir-rigward. Għaldaqstant ġie propost li nimxu ma' din it-talba u nerġgħu nitkellmu.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.14.04 ECAD Membership.**

Il-President ta' informazzjoni dwar is-sħubija għas-sena 2025 u li l-AKL għarrfet li għal sena oħra ser tressaq lil dawk interessati f'din is-sħubija.

Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil sabiex nissieħbu.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.14.05 Combat Sport Charity Event.**

Il-President semma kif l-isport huwa pilastru li r-Regjun Punent jaħdem fuqu. Għaldaqstant ippropona sabiex nassistu avveniment billi nħallsu għall-First Aiders u Pulizija li hemm bżonn għal dan l-avveniment li fih ser jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza.

Sekondant: Il-Kunsilliera tal-Imdina s-Sa Maryanne Sultana.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**47.15 Tmiem il-laqgħa.**

Il-laqgħa ntemmet fit-20.15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-Tlieta 29 ta' April, 2025 fil-17:30 ta' filgħaxija.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum